

Brussell, 27 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5449/25

COPS 28
EUMC 35
POLMIL 10
MAMA 14
MOG 5
COAFR 15
CFSP/PESC 97
CSDP/PSDC 40
ASPIDES 3
ATALANTA 4
CSC 41
PSC DEC 3
RELEX 53

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2763 (EUNAVFOR ASPIDES/1/2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...

ta'...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea
biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta
mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2763
(EUNAVFOR ASPIDES/1/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

¹ ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj>.

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 li stabbiliet operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).
- (2) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES (il-“Kmandant tal-Forza tal-UE”).
- (3) Fit-22 ta' Ottubru 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2763², li ħatret lill-Komodor Konstantinos PITYKAKIS Kmandant tal-Forza tal-UE mill-1 ta' Novembru 2024.
- (4) Fil-15 ta' Jannar 2025, l-Awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Michail PANTOUVAKIS biex jieħu post il-Komodor Konstantinos PITYKAKIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE ("il-ħatra proposta") mit-2 ta' Frar 2025.
- (5) Fil-15 ta' Jannar 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE EUNAVFOR ASPIDES appoġġa l-ħatra proposta.

² Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/2763 tat-22 ta' Ottubru 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2038 (EUNAVFOR ASPIDES/4/2024) (ĠU L, 2024/2763, 28.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2763/oj>).

- (6) Fl-20 ta' Jannar 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor Micahil PANTOUVAKIS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Michail PANTOUVAKIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (8) Jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2763,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor Michail PANTOUVAKIS huwa maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) mit-2 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2763 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2025.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u
tas-Sigurtà
Il-President*